Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 207/93**

tad-29 ta' Jannar 1993

li jiddefinixxi l-kontenut ta' l-Anness VI għar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fuq prodotti agrikoli u prodotti ta' l-ikel u li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 (4)

(ĠU L 25, 2.2.1993, p. 5)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 345/97 tas-26 ta' Frar 1997	L 58	38	27.2.1997
►**M2**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2020/2000 tal-25 ta' Settembru 2000	L 241	39	26.9.2000

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 207/93

tad-29 ta' Jannar 1993

li jiddefinixxi l-kontenut ta' l-Anness VI għar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fuq prodotti agrikoli u prodotti ta' l-ikel u li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 (4)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill(KEE) Nru 2092/91 ta' l-24 ta' Ġunju 1991 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fir-rigward ta' prodotti agrikoli u prodotti ta' l-ikel ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 5 (7) u (8) ta' dan ir-Regolament,

Billi għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 5 (3) (b) u (ċ) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ 'ir-Regolament'), għandhom jiġu stabbiliti listi eżawrjenti fis-Sezzjonijiet A, B u Ċ ta' l-Anness VI tiegħu;

Billi għall-iskopijiet tat-tliet sezzjonijiet ta' l-Anness VI tar- Regolament, ċerti definizzjonijiet għandhom jiġu żviluppati sabiex tkun assigurata koerenza ma' dispozizzjonijiet regolatorji Komunitarji oħra li huma relatati;

Billi kwalunkwe ingredjenti jew għajnuniet ta' l-ipproċessar li għandhom jissemmew fl-Anness VI tar- Regolament għandhom jintużaw biss skond ir-rekwiżiti leġislattivi li jikkonċernaw it-tħejjija ta' prodotti ta' l-ikel u skond prattika tajba fil-fabbrikazzjoni ta' prodotti ta' l-ikel;

Billi l-Anness VI tar-Regolament għandu jieħu kont tal-pretenzjonijiet tal-konsumaturi li prodotti pproċessati minn produzzjoni organika għandhom jikkonsistu essenzjalment minn ingredjenti kif jinsabu fin-natura;

Billi, madanakollu, ingredjenti oħrajn jew għajnuniet ta' l-ipproċessar li jistgħu jintużaw fi prodotti ta' l-ikel li huma pproċessati konvenzjonalment, u li preferibbilment jeżistu fin-natura, jistgħu jiġu inklużi fl-Anness VI tar-Regolament, sakemm jiġi ppruvat li, mingħajr rikors għal dawn is-sustanzi, huwa impossibbli li jkunu prodotti jew ippreservati affarijiet ta' l-ikel organiċi;

Billi, fir-rigward ta' enżimi li huma derivati minn mikro-organismi, għad trid issir riċerka ulterjuri jekk dawn il-prodotti derivati minn mikro-organiżmi li huma ġenetikament modifikati fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE ([2]), jistgħux jintużaw fi prodotti ta' l-ikel li l-ittikkettar tagħhom jirreferi għal metodi ta' produzzjoni organiċi; billi din il-kwistjoni tiġi eżaminata fid-dettall meta dawn l-enżimi jiġu approvati għall-użu fi prodotti ta' l-ikel skond il-leġislazzjoni Komunitarja relevanti;

Billi l-imsemmi Anness VI għandu jiġi rivedut regolarment fid-dawl ta' esperjenza ggwadanjata u ta' żviluppi fid-disponibbiltà fis-suq Komunitarju ta' ċerti ingredjenti ta' oriġini agrikola prodotti organikament;

Billi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-deroga skond l-Artikolu 5 (4) tar-Regolament huma neċessarji sabiex tkun assigurata implimentazzjoni koerenti ta' din id-deroga fl-Istati Membri, sakemm il-prodotti koperti b'din id-deroga ma jkunux ġew inklużi fis-Sezzjoni Ċ ta' l-Anness VI ta' dan ir- Regolament;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

([1]) ĠU L 198, tat-22.7.1991, p. 1.
([2]) ĠU L 117, tat-8.5.1990, p. 15.

▼B

Artikolu 1

Il-kontenut ta' l-Anness VI tar- Regolament (KEE) Nru 2092/91 huwa definit fl-Anness ta' dan ir- Regolament preżenti.

Artikolu 2

Ebda emendi għas-Sezzjonijiet A u B ta' l-Anness VI m'għandhom jiġu adottati sakemm ma jkunux sodisfatti għall-inqas dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għal adittivi ta' l-ikel koperti bis-Sezzjoni A, il-punt 1 ta' l-Anness VI: mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti għall-aċċettazzjoni ta' adittivi previsti fid-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE ([1]), jistgħu jiġu inklużi biss dawk is-sustanzi li fir-rigward tagħhom intwera li, mingħajr ma jkun hemm rikors għal dawn is-sustanzi, huwa impossibbli li wieħed jipproduċi jew jippreserva dawn il-prodotti ta l-ikel;

(b) għal għajnuniet ta' l-ipproċessar koperti mill-Parti B ta' l-Anness VI: jistgħu jiġu inklużi biss dawk is-sustanzi li huma aċċettati fl-ipproċessar ġenerali ta' l-ikel u li għalihom intwera li, mingħajr rikors għal dawn is-sustanzi, huwa impossibbli li dawn l-affarijiet ta' l-ikel jiġu prodotti.

▼M2

Artikolu 3

1. Sakemm l-ingredjent ta' oriġini agrikola ma jkunx inkluż fis-Sezzjoni C ta' l-Anness VI tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91, dak l-ingredjent jista jkun użat bi qbil mad-deroga li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 5 (3) (b) u l-Artikolu 5 (5a) (b) ta' dak ir-Regolament b'dawn il-kondizzjonijiet segwenti:

(a) li l-operatur ikun innotifika lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru bl-evidenza kollha meħtieġa li turi li l-ingredjent ikkonċernat ikun jissodisfa l-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 5 (4) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91; u

(b) li l-awtorità kompetenti tal-Pajjiż Membru tkun awtorizzata proviżorjament, bi qbil mal-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 5 (4) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91, l-użu għal perjodu massimu ta' tliet xhur wara li tkun ivverifikat li l-operatur ikun għamel il-kuntatti meħtieġa mal-forniturl-oħra fil-Komunità biex jassigura lilu nnifsu dwar in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' l-ingredjenti kkonċernati mal-ħtiġijiet ta' kwalità mitluba; mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 6, l-Istat Membru jista' jtawwal din l-awtorizzazzjoni għal massimu ta' tliet darbiet għal seba' xhur kull darba; u

(ċ) l-ebda deċiżjoni ma tkun ittieħdet, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 4 jew 6 li awtorizzazzjoni tkun ingħatat fir-rigward ta' l-ingredjent ikkonċernat għandha tkun irtirata.

2. Meta awtorizzazzjoni kif hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 tkun ingħatat, l-Istat Membru għandu immedjatament jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, bl-informazzjoni li ġejja:

(a) id-data ta' l-awtorizzazzjoni u fil-każ ta' awtorizzazzjoni mtawla, id-data ta' l-ewwel awtorizzazzjoni;

(b) l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, u fejn relevanti, il-fax u l-email ta' min hu awtorizzat; l-isem u l-indirizz tal-post fejn tiġi kkuntatjata l-awtorità li tkun tat l-awtorizzazzjoni;

(ċ) l-isem u, fejn meħtieġ, id-deskrizzjoni preċiża u l-ħtiġijiet ta' kwalità ta' l-ingredjent ta' l-oriġini agrikulturali kkonċernat;

(d) it-tip ta' prodotti li għal preparazzjoni tiegħu l-ingredjent mitlub ikun meħtieġ;

(e) il-kwantitajiet li hemm bżonn u l-ġustifikazzjoni għal dawk il-kwantitajiet;

(f) ir-raġunijiet għal, u l-perjodu mistenni, ta' skarsezza;

(g) id-data meta l-Istat Membru jibgħat din in-notifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 27.

▼M2

Il-Kummissjoni u/jew l-Istati Membri jistgħu jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

3. Meta Stat Membru jissottometti kummenti lejn il-Kummissjoni u lejn l-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni, li juru li provvisti huma disponibbli ma' tul il-perjodu ta' dik l-iskarsezza, l-Istat Membru għandu jikkonsidra li jirtira dik l-awtorizzazzjoni jew inaqqas il-perjodu maħsub tal-validità, u għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-miżuri li jkun ħa jew li jkun sejjer jieħu, fi żmien 15-il ġurnata mid-data ta' meta jirċievi l-informazzjoni.

4. Fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, il-materja għandha tkun ippreżentata għall-eżami tal-Kumitat li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91. Jista jiddeċiedi, bi qbil mal-proċedura kif stabbilita fl-Artikolu 14, li awtorizzazzjoni mogħtija tkun imneħħija jew li l-perjodu tal-validità jkun emendat, jew meta xieraq, li l-ingredjent ikkonċernat jiġi inkluż fis-Sezzjoni C ta' l-Anness VI.

5. Fil-każ ta' dewmien kif hemm referenza dwaru fil-paragrafu 1 (b), il-proċeduri tal-paragrafi 2 u 3, għandhom japplikaw.

6. Meta Stat Membru ikun irid jassigura li ingredjent minn produzzjoni konvenzjonali jkun jista' jibqa jintuża wara t-tielet teħid ta' l-awtorizzazzjoni li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 (b), dan l-Istat Membru għandu, flimkien man-notifika għat-tielet tiġdida ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija, jinnotifika t-talba għall- inklużjoni ta' l-ingredjent fl-Anness VI, is-Sezzjoni C. Sakemm l-ebda deċiżjoni ma tkun daħlet fis-seħħ bi qbil mal-proċedura li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 14, biex ikun inkluż l-ingredjent fl-Anness VI, is-Sezzjoni C jew biex titneħħa l-awtorizzazzjoni, l-Istat Membru jista' jkompli jestendi l-awtorizzazzjoni għal perjodi sussegwenti ta' seba' xhur fir-rigward tal-kondizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3.

▼B

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ 15-il jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal- Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

‘“L-Anness VI

INTRODUZZJONI

Għall-iskopijiet ta’ dan l-Anness, dawn id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

1. ingredjenti: sustanzi kif definiti fl-Artikolu 4 ta’ dan ir-Regolament taħt ir-restrizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 (4) tad-Direttiva tal-Kunsill 79/112/KEE tat-18 ta’ Diċembru 1978 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta’ l-Istati Membri li jirrigwardaw l-ittikkettar, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta’ prodotti ta' l-ikel għall-bejgħ lill-konsumatur finali ([1]).

2. ingredjenti ta’ oriġini agrikola:

   (a) prodotti agrikoli singolari u prodotti derivati minnhom permezz ta’ ħasil, tindif, proċessi termiċi u/jew mekkaniċi u/jew proċessi fiżiċi approprjati li għandhom l-effett li jnaqqsu l-ammont ta’ kontenut ta' l-ilma tal-prodott;

   (b) ukoll, prodotti derivati mill-prodotti msemmija taħt (a) bi proċessi oħrajn użati fl-ipproċessar ta’ l-ikel, sakemm dawn il-prodotti ma jkunux ikkunsidrati bħala adittivi ta’ l-ikel jew sustanzi li jagħtu t-togħma kif definit taħt il-punti 5 jew 7 hawn taħt.

3. ingredjenti ta’ oriġini non-agrikola: ingredjenti ta' xort' oħra minn ingredjenti ta' oriġini agrikola u li jappartjenu għal mill-inqas waħda mill-kategoriji li ġejjin:

3.1. adittivi ta’ l-ikel, li jinkludu *carriers* għal adittivi ta’ l-ikel, kif definit taħt il-punti 5 u 6 hawn taħt;

3.2. sustanzi li jagħtu t-togħma, kif definit taħt il-punt 7 hawn taħt;

3.3. ilma u melħ;

3.4. preparati ta' mikro-organiżmi

3.5. minerali (inklużi traċċi ta' sustanzi) u vitamini.

4. għajnuniet għall-ipproċessar: sustanzi kif definit fl-Artikolu 1 (3) (a) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE ([2]) dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta’ l-Istati Membri li jikkonċernaw adittivi ta’ l-ikel awtorizzati għall-użu fi prodotti intiżi għall-konsum uman;

5. adittivi ta’ l-ikel: sustanzi kif definiti fl-Artikolu 1 (1) u (2) tad-Direttiva 89/107/KEE u koperti minn dik id-Direttiva jew minn Direttiva komprensiva kif imsemmija fl-Artikolu 3 (1) tad-Direttiva 89/107/KEE;

6. *carriers*, inklużi solventi ta' *carriers*: adittivi ta’ l-ikel li jintużaw sabiex jinħall, jiġi dilwit, imxerred jew xort' oħra modifikat fiżikament adittiv ta' l-ikel mingħajr ma tiġi alterata l-funzjoni teknoloġika tiegħu sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament, l-applikazzjoni jew l-użu tiegħu;

7. sustanzi li jagħtu t-togħma: sustanzi u prodotti kif definiti fl-Artikolu 1 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE tat-22 ta’ Ġunju 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta’ l-Istati Membri li jirrigwardaw sustanzi li jagħtu t-togħma għall-użu f'affarijiet ta' l-ikel u għal materjali bażiċi għall-produzzjoni tagħhom ([3]), u koperti b' dik id-Direttiva.

PRINĊIPJI ĠENERALI

Is-Sezzjonijiet A, B u Ċ ikopru l-ingredjenti u l-għajnuniet għall-ipproċessar li jistgħu jintużaw fit-tħejjija ta’ prodotti ta' l-ikel li jikkonsistu essenzjalment minn ingredjent wieħed jew iżjed ta' oriġini mill-pjanti, imsemmija fl-Artikolu 1 (1) (b) ta’ dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni ta’ nbejjed.

Minkejja r-referenza għal xi ingredjent fis-Sezzjonijiet A u Ċ jew għal kull għajnuna għall-ipproċessar fis-Sezzjoni B, kull ingredjent jew għajnuna għall-ipproċessar għandu jintuża biss skond il-leġislazzjoni Komunitarja u/jew il-leġislazzjoni nazzjonali relevanti kompatibbli mat-Trattat u, fin-nuqqas tagħhom, skond il-prinċipji ta' prattika ta' fabbrikazzjoni tajba għal prodotti ta’ l-ikel. B’mod partikolari, adittivi għandhom jintużaw skond id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 89/107/KEE u, meta relevanti, dawk ta’ kull Direttiva komprensiva kif imsemmi fl-Artikolu 3 (1) tad-Direttiva 89/107/KEE; sustanzi li jagħtu t-togħma għandhom jintużaw skond id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 88/388/KEE u solventi skond id-

([1]) ĠU Nru L 33, 8.2.1979, p. 1
([2]) ĠU Nru L 40, 11.2.1989, p. 27
([3]) ĠU Nru L 184, 15.7.1988, p. 61

▼B

disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 88/344/KEE tat-13 ta' Ġunju 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar solventi ta' estrazzjoni użati fil-produzjoni ta' prodotti ta' l-ikel u ingredjenti ta' l-ikel ([1]).

SEZZJONI A – INGREDJENTI TA' ORIĠINI NON-AGRIKOLA (MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 5 (3) (B) TAR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2092/91):

A.1. Adittivi ta' l-ikel, inklużi *carriers*

	Isem	Kondizzjonijiet speċifiċi (*)
E 170	*Calciumcarbonates*	-
E 270	Għajnuna lattika	-
E 290	*Carbondioxyde*	-
E 296	Aċidu maliku	-
E 300	Aċidu asorbiku	-
E 322	*Lecithins*	-
E 330	Aċidu ċitriku	-
E 334	Aċidu tartariku (L(+) -)	-
E 335	Tartru tas-sodju	-
E 336	Tartru tal-potassju	-
E 400	Aċidu Alġiniku	-
E 401	Alġinat tas-sodju	-
E 402	Alġinat tal-potassju	-
E 406	*Agar*	-
E 410	Gomma tal-ħarrub	-
E 412	Gomma tal-*guar*	-
E 413	Gomma tat-*Tragacanth*	-
E 414	Gomma *Arabic*	-
E 415	Gomma *Xanthan*	-
E 416	Gomma *Karaga*	-
E 440 (i)	*Pectin*	-
E 500	Sodjukarbonati	-
E 501	Potassjukarbonati	-
E 503	Amonjukarbonati	-
E 504	Manjesjukarbonati	-
E 516	Sulfat tal-kalċju	CR
E 398	*Aragon*	-
E 941	Nitroġenu	-
E 948	Ossiġenu	-

(*) CR- *carrier*

A.2. Sustanzi li jagħtu t-togħma fis-sens tad-Direttiva 88/388/KEE

Sustanzi u prodotti kif definiti fl-Artikolu 1 (2) (b) (i) u 1 (2) (ċ) tad-Direttiva 88/388/KEE ittikkettati bħala sustanzi naturali li jagħtu t-togħma jewr preparati naturali li jagħtu t-togħma, skond l-Artikolu 9 (1) (d) u (2) ta' dik id-Direttiva.

A.3. Ilma u melħ

Ilma tax-xorb

Melħ (bil-klorur tas-sodju jew bil-klorur tal-potassju bħala komponenti basiċi), ġeneralment użat fl-ipproċessar ta' l-ikel.

([1]) ĠU Nru L 157, 24.6.1988, p. 28

▼B

A.4. Preparati ta' mikrorganiżmi

(i) Kull preparat ta' mikro-organiżmi normalment użat fl-ipproċessar ta' l-ikel, bl-eċċezzjoni ta' mikro-organiżmi modifikati ġenetikament fis-sens ta' l-Artikolu 2 (2) tad-Direttiva 90/220/KEE;

(ii) Mikro-organiżmi ġenetikament modifikati fis-sens ta' l-Artikolu 2 (2) tad-Direttiva 90/220/KEE: jekk ikunu ġew inkużi skond il-proċedura ta' deċiżjoni ta' l-Artikolu 14.

A.5. Minerali (inklużi traċċi ta' sustanzi) u vitamini

Awtorizzati biss sa fejn l-użu tagħhom huwa meħtieġ legalment fil-prodotti ta' l-ikel li huma inkorporati fihom.

SEZZJONI B – GĦAJNUNIET TA' L-IPPROĊESSAR U PRODOTTI OĦRA LI JISTGĦU JINTUŻAW GĦALL-IPPROĊESSAR TA' INGREDJENTI MAGĦMULA ORGANIKAMENT TA' ORIĠINI AGRIKOLA, IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 5 (3) (Ċ) TAR- REGOLAMENT (KEE) Nru 2092/91

Isem	Kondizzjonijiet speċifiċi
Ilma	
Klorur tal-kalċju	Aġent ta' koagulazzjoni
Karbonat tal-kalċju	
Idrossidu tal-kalċju	
Sulfat tal-kalċju	Aġent ta' koagulazzjoni
Klorur tal-Manjesju (jew *nigari)*	Aġent ta' koagulazzjoni
Karbonat tal-Potassju	Aġent ta' koagulazzjoni
Diossidu tal-kubrit	
Nitroġenu	
Etanol	Solvent
Aċidu Tanniku	Għajnuna ta' filtrazzjoni
Albumina ta' l-abjad tal-bajd	
Kaseina	
Ġelatina	
Isinglass	
Żjut veġetali	Aġent ta' rilaxx jew xaħmi
Ġel diossidu tas-silikon jew soluzzjoni kollojdali	
Kubrit attivat	
Talc	
Bentonite	
Kaolin	
Diatomaceous earth	
Perlite	
Qxur tal-ġellewż	
Xama' tan-naħal	Aġent ta' rilaxx
Xama' tal-Karnuba	Aġent ta' rilaxx

Preparati ta' mikroorganiżmi u enżimi:

(i) Kull preparazzjoni ta' mikroorganiżmi u enżimi normalment użati bħala għajnuniet ta' l-ipproċessar fl-ipproċessar ta' l-ikel, bl-eċċezzjoni ta' mikro-organiżmi li huma ġenetikament modifikati fis-sens ta' l- Artikolu 2 (2) tad-Direttiva 90/220/KEE;

(ii) Mikro-organiżmi li huma ġenetikament modifikati fis-sens ta' l-Artikolu 2 (2) tad-Direttiva 90/220/KEE:

Jekk ġew inklużi hawn taħt skond il-proċedura ta' deċiżjoni ta' l-Artikolu 14.

▼B

SEZZJONI Ċ – INGREDJENTI TA' ORIĠINI AGRIKOLA LI MA ĠEWX PRODOTTI ORGANIKAMENT, IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 5 (4) TAR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2092/91

C.1. Prodotti veġetali mhux ipproċesati, kif ukoll prodotti derivati minnhom permezz ta' proċessi msemmija taħt id-definizzjoni 2 (a):

C.1.1. Frott, ġwież u żerriegħa li jittieklu

Ġewż ta' l-Indi

Lewż tal-Brażil

Ġewż ta' l-anakardju

Tamal

Ananas

Mangu

Papajja

Pruna salvaġġa

Kawkaw

Maracujas (Frott tal-fjura tal- passjoni)

Ġewż tal-kola

Karawett

Ballerini

Xewk taż-żafżaf qerqni

Tut blu

Xiropp taz-zokkor ta' l-aġġru

Kwinowa

Denb it-taws

Żerriegħa ta' l-għerq mustarda

Żerriegħa tal-qara' ħamra

Il-qalba ta' l-arżnu

Żerriegħa tar-ravanell

C.1.2. Ħwawar li jittieklu u ħaxix aromatiku

Il-prodotti kollha ħlief is-sagħtar

C.1.3. Ċereali

Millieġ

Ross salvaġġ (*Zizania plauspra*)

C.1.4. Żerriegħa taż-żejt u frott oleaġinuż

Żerriegħa tas-sesamu

C.1.5. Mixxellanji

Alka, inkluż alka tal-baħar

C.2. Prodotti veġetali, ipproċessati bi proċessi kif imsemmija taħt id-definizzjoni 2 (b):

C.2.1. Xaħmijiet u żjut, kemm jekk irfinati u kemm jekk le, iżda mhux kimikament modifikati, derivati minn pjanti barra minn:

żebbuġ

Ġirasol

C.2.2. Zokkor, lamtu; prodotti oħrajn minn ċereali u tuberi

Qasab tal-bambu' u zokkor tal-pitravi

Lamtijiet magħmula minn ċereali u tuberi, mhux modifikati kimikament

Karta tar-ross

Glutina

C.2.3. Diversi

Meraq tal-lumi

Ħall minn xorb iffermentat ta' xort' oħra mill-inbid

C.3. Prodotti ta' l-Annimali

▼B

Għasel

Ġelatina

Trab tal-ħalib u trab tal-ħalib xkumat

Organiżmi akwatiċi li jittieklu, li ma joriġinawx mill-akwakultura.”’